

Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni  
Direttorat għall-Uffiċċji ta' Kollegament

## Stqarrija ta' Privatezza

Ir-Regolament 2018/1725 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament") japplika għall-ipproċessar ta' data personali min-naħa tal-Parlament Ewropew.

B'segwitu għall-Artikolu 15 u l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, il-Parlament Ewropew jagħti l-informazzjoni li ġejja lis-suġġetti tad-data:

- Il-kontrollur huwa l-Parlament Ewropew;  
Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni  
Direttorat għall-Uffiċċji ta' Kollegament  
Persuna maħtura responsabbli għall-operazzjoni tal-ipproċessar: Is-Sur Stephen CLARK,  
Email: [patronage@ep.europa.eu](mailto:patronage@ep.europa.eu)
- L-iskop tal-ipproċessar huwa l-ġestjoni tal-patroċinju tal-PE.
- Id-data personali miġbura u użata għall-operazzjoni ta' pproċessar:
  - Kunjom
  - Isem
  - Indirizz postali
  - Telefon
  - Email
- Il-Presidenza tal-Parlament Ewropew se tkun l-entità li tirċievi d-data.
- Is-suġġetti tad-data għandhom id-dritt jaċċedu għad-data li tikkonċernahom u jirrettifikawha billi jikkuntattjaw lill-persuna maħtura responsabbli għall-operazzjoni tal-ipproċessar.
- Biex ma tibqax tirċievi aħbarijiet dwar avvenimenti organizzati mill-Parlament Ewropew, tista' f'kull waqt tikteb lill-[Uffiċċju ta' Kollegament fil-pajjiż ta' residenza tiegħek](#) biex ineħħuk mil-lista.
- Il-bażi legali tal-operazzjoni ta' pproċessar hi d-Deċiżjoni PE 422.553/BUR tal-Bureau tal-Parlament Ewropew.
- Il-limitu ta' żmien għall-ħżin tad-data huwa 5 snin mid-data tal-wasla ta' applikazzjoni.
- Fi kwalunkwe waqt, tista' tirtira l-kunsens tiegħek (bla ma taffettwa l-leġittimità tal-ipproċessar tad-data abbażi tal-kunsens mogħti minn qabel) u teżerċita d-dritt tiegħek li taċċedi għad-data li tikkonċernak, tirrettifikaha, tħassarha, tirrestrinġi l-ipproċessar tagħha jew toġġezzjona għalih billi tikkuntattja lill-proċessur tad-data [patronage@ep.europa.eu](mailto:patronage@ep.europa.eu). Tista' wkoll tikkuntattja lill-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew [data-protection@ep.europa.eu](mailto:data-protection@ep.europa.eu) u tressaq ilment lill-[Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data \(EDPS\)](#).